MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2013

Citazzjoni Numru. 192/2013

**Dr. Ann Fenech ghan-nom u in rappresentanza tal-bank esteru Commerzbank Akteingesellschaft**
**vs**
**Il-bastiment MV Emma Sophie b'IMO nru 9086320 (ex-'Sophie Bolten' u ex-'Clipper Lis')**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-bank rikorrenti tat-26 ta' Frar 2013 li jghid hekk:
Illi l-bank rikorrenti huwa kreditur tal-bastiment intimat fl-ammont ta' erbatax-il miljun, zewg mija u hamsa u tmenin elf, tlett mija u tnejn u disghin ewro u disgha u hamsin ewro (€14,285,392.59).

Illi dan il-kreditu huwa naxxaneti in segwitu ta':

1. Abstract Promise of Debt and Mortgage, datat 14 ta' Dicembru 2007 li permezz ta' dan il-ftehim l-proprjetarja precedenti tal-bastiment intimat, is-socjeta' MS "Sophie

Bolten” Schifffahrtsgesellschaft mbH & Co. KG obbligat ruhha taghti l-mortgage fis-somma ta’ tlieta u tlettin miljun, sebgha mija u tlettin elf dollaru Amerikan (USD $33,730,000), bhala garanzija lill-bank esteru Germaniz Deutsche Schiffsbank Akteingesellschaft, registrat fir-registru kummercjali ta’ Hamburg bin-numru HRB 42653 kif ukoll fir-registru kummercjali ta’ Bremen bin-numru HRB 4062 HB (liema bank esteru gie amalgamat fit-22 ta’ Mejju 2012 mall-bank rikorrenti Commerzbank Aktiengesellschaft, ta’ Kaiserstrass 16, D-60311, Frankurt am Main, registrat fir-registru kummercjali ta’ Frankfurt am Main bin-numru HRB 32000) ghall-hlas ta’ ammonti dovuti lill-istess bank ai termini ta’ dan il-ftehim.

2. Kuntratt ta’ Bejgh (Memorandum of Agreement) datat 2 ta’ Jannar 2008 li permezz tieghu s-socjeta’ MS “Sophie Bolten” Schifffahrtsgesellschaft mbH & Co. KG ftehmet sabiex tbiegh il-bastiment MV Sophie Bolten (illum msejjah l-Emma Sophie) lis-socjeta’ Orange 10 GMbH & Co. KG ghall-prezz ta’ erbgha u ghoxrin miljun, tlett mija u sitta u hamsin elf, mitejn u sebgha u hamsin dollaru Amerika u sitta u sebghin centezmu (US$24,356,257.76). Sussegwentement il-bejgh tal-istess bastiment sar fis-7 ta’ Jannar 2008.

3. Kuntratt ta’ Self (“Ship Mortgage Loan”) datat 10 ta’ Jannar 2008 maghmul bejn il-bank Germaniz Deutsche Schiffsbank Akteingesellschaft (liema bank esteru gie amalgamat fit-22 ta’ Mejju 2012 mall-bank Germaniz Commerzbank) u s-sid tal-bastiment intimat, Orange 10 GmbH & Co. KG, permezz ta’ liema kuntratt il-bank esteru avvanza facilita bankarja b’titolu ta’ self lid-Debitur. Skond dan il-Kuntratt, id-Debitur obbliga ruhhu li jirrestitwixxi u jrodd lura l-ammonti mislufa lill-Kreditur taht il-pattijiet u kundizzjonijiet li jirrizultaw mill-istess ftehim. Bhala forma ta’ garanzija finanzjarja, is-socjeta’ Orange 10 GmbH & Co. KG accettat illi tassorbi l-obbligi kollha tal-fuq imsemmija ezistenti mortgage billi accettat il-pattijiet fi Klawzola 1 ta’ Parti II intitolat “Security” li tghid:

“The ship mortgage registered for the benefit of the Bank in the Ship Register of the District Court of Hamburg

under no SSR 21564 for the Ship under serial no. 1 on account of the abstract promissory note for USD 33,730,000.00, caused by the instrument of the notary Dr. Werner Vogel dated 14 December 2007 (serial roll no 2454/2007), shall serve as security for all claims of the bank arising from this Loan Approval."

Konsegwentament, wara l-bejgh tal-bastiment lil Orange 10 GmbH & Co. KG, is-socjeta' xerrejja giet ezonerata minn kull obbligazzjoni fir-rigward tal-istess mortgage.

4. Kuntratt ta' Self (Capital Interim Financing Agreement) datat 10 ta' Jannar 2008 bejn il-bank Germaniz Deutsche Schiffsbank Akteingesellschaft (liema bank esteru gie amalgamat fit-22 ta' Mejju 2012 mall-bank Germaniz Commerzbank Aktiengesellschaft) u s-sid tal-bastiment intimat, Orange 10 GmbH & Co. KG li permezz ta' din il-kuntratt il-bank esteru avvanza facilita bankarja b'titolu ta' self lid-Debitur sabiex dan tal-ahhar jkun f'posizzjoni sabiex jixtri l-bastiment Sophie Bolten (illum msejjah l-Emma Sophie).

5. Certifikat mahrug minn Nutar Klaus Peter Weber li jikkonferma illi bank esteru Deutsche Schiffsbank Akteingesellschaft gie amalgamat fit-22 ta' Mejju 2012 mall-bank Germaniz Commerzbank Aktiengesellschaft. Dan ic-certifikat juri ukoll illi skond Artikolu 20 tal-German Transformation Act, is-socjeta' transferee tassorbi d-drittijiet u l-obbligu kollha tas-socjeta' transferor kif ukoll it-titolu legali tal-assi kollha tal-istess socjeta' transferor. Ghalhekk id-drittijiet, l-obbligi u l-assi tal-bank Deutsche Schiffsbank Akteingesellschaft issa saru d-drittijiet, l-obbligi u l-assi tal-bank Commerzbank Aktiengesellschaft.

6. Estratt mir-registru tal-bastimenti merkantili ta' Hamburg gewwa l-Germanja li fost affarijiet ohrajn minnu johrog is-segwenti informazzjoni:

a. Illi l-bastiment Emma Sophie kien registrat fl-istess registru taht l-isem Sophie Bolten. Il-bidla tal-isem giet registrata fl-18 ta' Novembru 2011 u saret effettiva mill-20 ta' Novembru 2011;

b. Il-bandiera Germaniza hija l-underlying registry tal-bastiment u l-istess bastiment huwa awtorizzat sabiex jtajjar il-bandiera ta' Liberia bhala bareboat registry bejn l-10 ta' Jannar 2012 sa 9 ta' Jannar 2014;

c. Illi s-socjeta' Orange 10 GmbH & Co. KG saret is-sid tal-bastiment wara li xtrat il-bastiment minghand il-proprjetarja precedent tal-bastiment intimat MS "Sophie Bolten" Schifffahrtsgesellschaft mbH & Co. (ai termini tal-pattijiet taht il- Memorandum of Agreement kif gja intqal iktar 'l fuq);

d. Illi s-socjeta' Orange 10 GmbH & Co. KG issa qeghda f'stat ta' insolvenza u mis-16 ta' November kull anotazzjoni fir-registru ssir effettiv biss wara li l-bankruptcy trustee jaghti l-kunsens tieghu

e. Illi hemm mortgage registrata fuq il-bastiment favur il-bank Deutsche Schiffsbank Akteingesellschaft (liema bank esteru gie amalgamat fit-22 ta' Mejju 2012 mall-bank Germaniz Commerzbank Aktiengesellschaft). Is-somma massima garantita ta' USD $33,730,000 tissemma espressament fir-registru.

Illi skond Parir legali datat 7 ta' Jannar 2013 mahrug mid-ditta tal-avukati Watson, Farley & Williams LLP gewwa l-Germanja l-mortgage registrata fir-registru tal-bastimenti merkantili ta' Hamburg gewwa l-Germanja tissodisfa r-rekwiziti legali elenkati fl-artikolu 49 tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili u cioe illi:

a) Il-mortgage hija validament registrata fir-registru tal-Bastimenti Merkantili ta' Hamburg (Germanja);

b) Ir-registru tal- Bastimenti Merkantili ta' Hamburg (Germanja) huwa registru pubbliku;

c) Li l-mortgage tidher u hija evidenti meta wiehed jaghmel search fir-registru;

d) Li l-mortgage tinghata status privileggjat u hija b'mod generali ekwivalenti fi status bhall-mortgage registrat fir-registru tal-bastimenti merkantili Maltin.

Illi s-somma massima garantita permezz tal-mortgage (USD $33,730,000) tissemma espressament fl-instrument li johloq il-garanzija (u cioe il-fuq imsemmija mortgage) u peress illi din ic-cifra hija registrata fir-registru pubbliku tal-bastimenti navali Germaniz, u ghalhekk din il-mortgage tissodisfa ukoll ir-rekwiziti kollha taht artikolu 42(2) ta' Kap. 234 ta' Ligijiet ta' Malta u ghalhekk din l-ipoteka navali ghandha titqies bhala titolu ezekuttiv ghall-finijiet tal-artikolu 253 tal-Kodici dwar l-Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Illi jezisti event of default taht Klawzola XI (1)(7) tal-General Loan Conditions taz-zewg kuntratti tas-Self. Dan l-event of default inholoq bhala rizultat tal-fatt illi Orange 10 GmbH & Co. KG, is-sid tal-bastiment jinstab f'stat ta' insolvenza u konsegwentament permezz ta' digriet datat 8 ta' Novembru 2012 il-Qrati tad-Distrett ta' Hamburg appuntat interim bankruptcy trustee ghas-socjeta' hekk kif inhu rekwizit mill-Ligi Germaniza.

Illi permezz ta' ittra datata 15 ta' Novembru 2012, is-sid tal-bastiment intimat gie formalment notifikat b'avviz minghand il-bank rikorrenti ossia Termination Letter illi kien hemm inadempjenza taht il-fuq imsemmija kuntratti billi l-istess sid kien f'stat ta' insolvenza u konsegwentament ghalhekk is-somma ta' mitejn u tnejn u disghin elf u tmenin dollaru Amerikan (US$ 292,080) kif ukoll l-ammont ta' tmientax-il miljun, erbgha u ghoxrin elf, tmien mija u tlieta u ghoxrin dollaru Amerikan u tlieta u tmenin centezmu (US$ 18,024,823.83) – u cioe l-ammont globali ta' tmientax-il miljun, mitejn u sitta u tlettin elf u disa' mija u erbgha dollaru Amerika u disgha u sebghin centezmu (US$18,236,904.79) flimkien ma' imghaxijiet u spejjez kienu dovuti immedjatament minnu lill-bank rikorrenti sa dik id-data.

Illi permezz ta' ittra ufficjali nru 38/2013 presentat fir-registru ta' dina l-Onorabbli Qorti fit-08 ta' Jannar 2013

(kopja ta' din l-ittra u d-dokumenti kollha allecjata maghha qed tigi annessa u immarkata bhala 'Dokument 'AF2'), notifikata lill-bastiment kif ukoll lil- John Ripard & Sons (Shipping) Ltd bhala l-agenti lokali tal-bastiment, il-bank rikorrenti interpella lis-sid tal-bastiment sabiex ihallas l-ammont dovut, izda s-sid sal-lum baqa' inadempjenti.

Illi nonostante n-notifikat tal-fuq imsemmija ittra ufficjali, Orange 10 GmbH & Co. KG, is-sidien tal-bastiment MV Emma Sophie baqghu inadempjenti u ghalhekk skond il-ligi l-mortgage fuq il-bastiment MV Emma Sophie registrat favur il-Bank rikorrenti, liema mortgage kif gja ntqal hawn fuq huwa titolu ezekuttiv issa gie rez ezegwibbli ai termini tal-artikolu 253 et seq. tal-Kap 12.

Illi in kawtela tal-kreditu dovut, il-bank rikorrenti ottjena il-hrug ta' Mandat ta' Arrest ta' Bcejjec tal-Bahar numru 1904/2012 kontra l-bastiment Emma Sophie fid-19 ta' Dicembru 2012, li gie ezegwit dak in-nhar stess, liema mandat kawtelatorju sussegwentament gie rez wiehed ezekuttiv permezz tal-presentazzjoni ta' Nota ai termini tal-artikolu 838B tal-Kap 12 fir-registru ta' dina l-Onorabbli Qorti fis-16 ta' Jannar 2013 kif milqughha minn dina l-Onorabbli Qorti fis-17 ta'Jannar 2013. Kopja ta' dina n-nota flimkien mad-digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti huma hawn annessi u mmarkati 'Dokument AF3'. Permezz ta' din in-nota, il-kreditu tal-rikorrenti nomine gie kanonizat fl-ammont ta' erbatax il-miljun, mitejn, hamsa u tmenin elf, tlett mija, tnejn u disghin euro u disa' u hamsin centezmu (€14,285,392.59).

Il-bastiment Emma Sophie jinsab ghalhekk maqbud f'din il-gurisdizzjoni gewwa l-Palumbo Ship Yard kif jirrizulta mir-riferta tal-marixxal hawn anessa u mmarkata Dokument AF4.

Illi in vista tal-fatt li sallum ma sar ebda hlas favur il-Bank rikorrenti, fit-18 ta' Jannar 2013 il-rikorrent noe prezentat rikors fejn talbet lill-Onorabbli Qorti tordna l-bejgh b'subbasta tal-bastiment m/v Emma Sophie.

Illi permezz ta’ digriet moghti fit-28 ta’ Jannar 2013, il-Qorti appuntat il-bejgh b’subbasta tal-bastiment m/v Emma Sophie ghat-27 ta’ Frar 2013.

Peress illi nel frattempo, l-bank gie avvincinat dwar il-possibilita ta’ bejgh approvat mill-Qorti tal-bastiment MV Emma Sophie u peress illi l-bank irnexxilu jsib xerrej li huwa lest jixtri l-istess bastiment ghall-prezz determinat, ir-rikorrent noe fit-18 ta’ Frar 2013 iccediet l-atti tal-fuq imsemmija subbasta.

Ghaldaqstant l-istess bank issa jixtieq jenforza t-titolu ezekuttiv li ghandu permezz tal-bejgh tal-istess bastiment Emma Sophie, approvat mill-Qorti ai termini ta’ artikoli 358 sa 364 ta’ Taqsima 1, Titolu VII sub-titolu V tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili “Fuq il-bejgh approvat mill-Qorti ghall-vapuri, bastimenti u ingenji tal-ajru”:

1. Illi ai termini ta’ artikolu 358 din l-Onorabbli Qort fuq rikors ta’ kreditur b’titolu ezekkuttiv, ghandha s-setgha tapprova l-bejgh privat ta’ vapur favur xerrej identifikat u bil-hlas ta’ prezz determinat.

2. Illi ai termini ta’ artikolu 359 ir-rikorrenti noe qeda tipprezenta ma’ dan l-istess rikors, zewg stimi kif mitluba mill-ligi ta’ zewg stimaturi indipendenti u ta’ fama internazzjonali liema stimi jindikaw li l-valur fuq is-suq prezenti u attwali tal-bastiment Emma Sophie fil-kundizzjoni li jinsab fiha il-bastiment, huwa ta’ bejn US$2,300,000 u US$ 2,500,000. Illi z-zewg stimaturi huma :

a. l-Ing. Paul Cardona - li ta’ stima ta’ bejn zewg miljuni u tlett mitt elf dollaru Amerikan(US$ 2,300,000) u zewg miljuni u hames mitt elf dollaru Amerikan (USD$2,500,000) kopja annessa u mmarkata bhala Dokument AF5

U

b. Is-socjeta Germaniza Ingenieurbüro Weselmann GmbH li taw stima fis-somma ta’ zewg miljuni u erba’ mitt elf

dollaru Amerikan (US$ 2,400,000) kopja annessa u mmarkata bhala Dokument AF6.

3. Illi l-bank rikorrenti rnexxielu nonostante s-suq xejn felici ta’ bastimenti second hand, isib xerrej li hu ppreparat ihallas is-somma ta’ zewg miljuni u sitt mitt elf dollaru Amerikan USD $2,600,000 ghall-dan il-bastiment u cioe’ bejn US$100,000 u US$300,000 iktar mill-istimi.

4. Ghalhekk qed jigi sottomess li l-prezz ta’ zewg miljuni u sitt mitt elf dollaru Amerikan USD $2,600,000 huwa ragonevoli ferm fic-cirkostanzi tal-kaz.

5. Ghalhekk fit-12 ta’ Frar intlahaq ftehim preliminari u cioe Memorandum of Agreement, bejn il-bank rikorrenti Commerzbank Akteingesellschaft u s-socjeta’ estera Cloudfree Maritime Limited (li hija nkorporata gewwa l-Marshall Islands), fejn is-socjeta’ Cloudfree Maritime Limited ikkonfermat li hija lesta tixtri il-bastiment ghas-somma ta’ zewg miljuni u sitt mitt elf dollaru Amerikan (USD $2,600,000) u dan skond il-pattijiet u kundizzjonijiet imsemmija fl-istess ftehim (kopja annessa u mmarkata bhala Dokument AF 7) inkluz l-kundizzjoni li l-bejgh ikun jista’ jsir biss jekk jigi approvat minn din l-Onorabbli Qorti ai termini ta’ artikolu 358.

6. Illi skond Klawzola 1 ta’ dan l-istess Memorandum of Agreement, il-partijiet ftehmu illi Dr. George Said, detentur ta’ Passaport Numru 0983940 kellu jigi nominat lil dina l-Onorabbli Qorti fir-rikors ghall-bejgh approvat mill-Qorti tal-bastiment ghall-finijiet ta’ artikoli 362 and 363 ta’ Kapitolu 12 tal-Ligijiet Malta.

7. Ghalhekk ir-rikorrenti noe qeda titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tahtar li Dr.George Said bhala l-persuna li tkun intitolata tittrasferixxi l-bastiment skond il-pattijiet u l-kondizzjonijiet approvati mill-Qorti, bhallikieku kien is-sid registrat tal-bastiment, kif ukoll sabiex dan ikun intitolat jiddepozita l-prezz tal-bastiment fil-Qorti fi zmien sebat ijiem mid-data ta’ meta l-bejgh jigi finalizzat.

8. Illi ai termini ta' artikolu 360 dan ir-rikors qed jigi notifikat lil kull min ghandu interess f'dan il-bastiment kif maghrufa lil-bank rikorrent u cioe, lil-bastiment intimat, lir-registratur tal-bastimenti merkantili, lil General Shipping Services Ltd. (kreditur iehor tal-bastiment) tramite Dr. John Bugeja l-mandatarju specjali tal-istess socjeta u lill John Ripard & Sons (Shipping Limited), l-agenti lokali tal-bastiment Emma Sophie.

Ghalhekk bl-akbar rispett u umilta lejn l-awtorita ta' din l-Onorabbli Qorti r-rikorrenti nomine titlob:

1. Illi ai termini ta' artikolu 358, il-Qorti tapprova l-bejgh privat tal-bastiment Emma Sophie lis-socjeta' estera Cloudfree Maritime Limited bil-prezz ta' zewg miljuni u sitt mitt elf dollaru Amerikan (USD $2,600,000) skond it-termini u l-kundizzjonijiet stipulati fil-Memorandum of Agreement datat 12 ta' Frar 2013.

2. Illi ai termini ta' artikolu 362, il-Qorti fid-digriet ta' approvazzjoni tal-bejgh tahtar lil Dr. George Said, detentur ta' passaport numru 0983940 bhala l-persuna li b'hekk tkun intitolata tittrasferixxi l-bastiment skond il-pattijiet u l-kondizzjonijiet approvati mill-Qorti u dan bhallikieku kien is-sid registrat tieghu bl-effetti kollha stipulati fil-ligi partikolarment, artikoli 362 sa 364 ta' Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Fin-nuqqas li Dr. George Said, detentur ta' passaport numru 0983940 jigi mahtur minn dina l-Onorabbli Qorti ghall-fuq imsemmija finjijet, il-Qorti tahtar persuna ohra ghall-dawk l-istess finijiet.

Rat illi dan ir-rikors gie notifikat lil bastiment intimat li ma pprezenta ebda risposta u anqas deher xi hadd mill-intimati ghas-seduta tat-13 ta' Marzu 2013;

Rat li r-rikors thalla ghad-digriet finali.

**Ikkunsidrat**

Illi dan hu rikors maghmul taht l-artikolu 358 tal-Kapitolu 12 li jaghti jedd lil Qorti li wara rikors tal-kreditur li ghandu titolu ezekuttiv tapprova l-bejgh privat ta’ vapur favur xerrej identifikat bi hlas ta’ prezz determinat.

L-ewwel element li jrid jigi sodisfatt ghalhekk hu l-kreditu u li fuq dan il-kreditu l-kreditur jgawdi titolu ezekuttiv.

Il-bank rikorrent ghandu kreditu naxxenti minn zewg loan agreements datati 10 ta’ Jannar 2008 bl-addenda taghhom, kawtelat b’ipoteka navali fir-registru tal-bastiment intimat.

Id-debitur hu fi stat ta’ insolvenza u ghalhekk kien responsabbli ghal default skond l-imsemmija ftehim u fil-15 ta’ Novembru 2012 sid il-bastiment gie notifikat bid-default.

B’ittra ufficjali tat-8 ta’ Jannar 2013 notifikata lil bastiment fil-11 ta’ Jannar 2013 il-bank interpella lill-bastiment u lill-agent lokali tal-bastiment biex jithallas l-ammont dovut cioe €14,285,392.59 izda baqa’ inadempjenti. Din l-ittra ufficjali saret ukoll a tenur tal-artikolu 42(4) tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta’ Malta fejn il-kreditur biex isegwi l-procedura odjerna skond l-artikolu 358 tal-Kap. 12 irid jispecifika s-somma dovuta permezz ta’ ittra ufficjali notifikata lid-debitur ipotekarju sabiex jigi determinat l-ammont cert, likwidu u dovut in konnessjoni ma’ esekuzzjoni ta’ ipoteka navali.

Peress illi ipoteka navali hi titolu ezekuttiv ai termini tal-artikolu 42(2) tal-Kap. 234, jidher ippruvat mid-dokumenti w intimazzjonijiet li saru illi l-bank rikorrenti ghandu kreditu li fuqu jgawdi titolu ezekuttiv.

Il-bank rikorrenti qed jitlob li jigi awtorizzat ibiegh il-vapur MV Emma Sophie proprjeta tad-debituri b’mod privat cioe mhux b’subbasta tal-Qorti. Ghal dan il-ghan hu esebixxa fl-atti zewg stimi indipenenti tal-valur tal-vapur cioe wahda tal-Inginier Paul Cardona u l-ohra tas-socjeta internazzjonali Germaniza Ingenieurbüro Weselmann GmbH u dan kif jitlob l-artikolu 359 tal-Kapitolu 12. L-

ewwel stima hi bejn USD2,300,000 u USD2,500,000 u l-ohra hi ta' USD2,400,000.

Il-bank rikorrenti qed jitlob li jsir il-bejgh tal-vapur lis-socjeta Cloudfree Maritime Limited bil-valur ta' USD2,600,000. Din l-offerta tissupera l-istimi indipendenti. Il-Qorti tqis li l-offerta hi vantagguza fic-cirkostanzi prezenti tal-qaghda finanzjarja dinjija.

Il-Qorti ma ssibx raguni ghalfejn dan il-bejgh ma ghandhux isir fit-termini tal- Memorandum of Agreement kif hu esebit fl-atti.

In oltre r-rikorrenti ddikjara li hemm xi kredituri ohra u fil-fatt giet prezentta nota tal-Awtorita ghat-Trasport f'Malta dwar krediti pretiz minnha u difensur tar-rikorrenti anki gharraf lill-amministratur fallimentari fi proceduri ta' stralc tal-kumpanija sid il-bastiment dwar xi klawsoli ta' hlas ta' debitu li ser jigu assunti mill-akkwirent prospettiv.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u tordna l-bejgh privat tal-bastiment MV Emma Sophie lis-socjeta estera Cloudfree Maritime Limited bil-prezz ta' USD2,600,000 skond it-termini u kondizzjonijiet stipulati fil-Memorandum of Agreement datat 12 ta' Frar 2013, li hu esebit fl-atti liema bejgh ghandu jaghti lix-xerrej titolu mhux aggravat minn kull privilegg jew piz ai termini tal-artikolu 364 tal-Kap. 12.

Ghal fini tat-tieni talba tahtar lil avukat Dr. George Said sabiex ai termini tal-artikolu 362 tal-Kap. 12 ikun intitolat jitrasferixxi l-vapur skond il-kondizzjonijiet fuq imsemmija fil-Memorandum of Agreement tat-12 ta' Frar 2013 bhallikieku kien is-sid registrat tieghu bl-effetti kollha stipulati senjatament dawk tal-artikoli 363 u 364 tal-Kap. 12.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------